# ID-DAWL

APRIL 2020 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 28

"Taqtgħu qalbkom qatt mill-Ħniena ta' Alla."




Mulejja uri Ħniena | Il-Pandemija ta' Covid-19 | X'Inhu d-Dnub? | X'Inhi l-Virtù?

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# F'ISEM ALLA L-ĦANIN

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

F'Isem Alla l-Ħanin, mimli mħabba, ħniena u grazzja. Kull tifħir imur għal Alla, aħna nfaħħru, infittxu l-għajnuna u nitolbu l-protezzjoni Tiegħu. Aħna niftħu qalbna Miegħu, nafdaw Lilu biss, u nfittxu l-protezzjoni mill-ħażen u l-imqarbezza ta' rwieħna u mill-konsegwenzi ħżiena tal-għemejjel tagħna.

Lil kull min jiddiriġih fit-triq it-tajba, ħadd ma jkun jista' jiddiriġih ħażin; u lil kull min jiddikjarah mitluf, ħadd ma jista' jiddiriġih għat-triq it-tajba.

Mulej tagħna, f'dawn il-mumenti diffiċli, nitolbuk għas-saħħa u l-ġid għall-umanità kollha.

**ID-DAWL**

April 2020 – Numru 28 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

**INDEX**

| | |
|---|---|
| Guide us to the right path | 3 |
| Forgive & have mercy | 3 |
| The Pandemic of Covid-19 | 4 |
| What is Sin? | 6 |
| What is Virtue? | 6 |
| Together we pray | 8 |

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
Qoxra: Designed by Starline | Freepik

# MEXXINA FIT-TRIQ IT-TAJBA

F'Isem Alla, Kollu Grazzja, il-Ħanin. It-tifħir kollu għal Alla, Sid id-Dinjiet kollha. Kollu Grazzja, il-Ħanin, Sid Jum il-Ħaqq. Lilek biss inqimu u lilek biss nitolbu għajnuna. Mexxina fit-triq it-tajba, it-triq ta' dawk li berikt bil-grazzja tiegħek, mhux ta' dawk li ġabu l-għadab tiegħek, u lanqas tal-mitlufin.

(Il-Koran Imqaddes, 1:1-7)

# MULEJ AĦFER U URI ĦNIENA

Mulej tagħna, tikkastiganiex, jekk ninsew jew niżbaljaw; u Mulej tagħna, titfax responsabbiltà fuqna bħalma tfajt fuq dawk ta' qabilna. Mulej tagħna, tgħabbiniex b'xi ħaġa li m'għandniex is-saħħa nġorru; u ħassar dnubietna, u agħtina l-maħfra u jkollok ħniena minna; Inti s-Sid tagħna; għalhekk għinna Inti ma' dawk in-nies li ma jemmnux.

(Il-Koran Imqaddes, 2:287)

Mulej tagħna, aħna nemmnu; aħfrilna għalhekk dnubietna, u jkollok ħniena minna; għaliex Inti l-aqwa fost dawk li juru ħniena. (23:110)

Mulejja, aħfer u uri ħniena, għax Inti l-aqwa fost dawk li juru ħniena. (23:119)

Inti l-Protettur tagħna; għalhekk aħfrilna u uri ħniena magħna, għaliex Inti l-aqwa fost dawk li jaħfru. (7:156)

# IL-PANDEMIJA TA' COVID-19

Alla tagħna Mimli bil-Grazzji, Dejjem Ħanin – Sid tad-dinjiet kollha, aħna nirrikorru għalik f'dan iż-żmien diffiċli u bla preċedent fl-istorja tal-bniedem, biex tagħtina l-maħfra, l-għajnuna, id-direzzjoni, il-mogħdrija u barkiet infiniti.

Mulej tagħna, inti ggwidajtna fil-Koran Imqaddes, il-Ktieb Qaddis Tiegħek li:

**"Taqtgħu qalbkom qatt mill-Ħniena ta' Alla."** (39:54)

Alla tad-dinjiet kollha Mimli bil-Grazzji, Dejjem Ħanin, illum aħna mdejqin ħafna, aħna nazzjon imdejjaq, qegħdin fi gwerra ma' vajrus qerriedi li qed jhedded li ma jħallix lil pajjiżna, u fiż-żgur lill-umanità kollha, jeżisti aktar.

Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi, aħna niftakru fil-garanzija li tajtna li 'm'għandna naqtgħu qalbna qatt mill-ħniena Tiegħek'.

Mulej tagħna Mimli Mħabba u Ħniena, b'mod umli ħafna aħna nagħrfu l-fatt li wasalna f'punt li xejn ma jista' jfejjaqna ħlief il-mogħdrija tiegħek. U għalhekk, b'dan l-inkwiet, aħna nitolbuk li għandna bżonn tal-ħniena Tiegħek.

Għandna kull fiduċja u tama li Inti l-Mulej Ħanin tagħna se jkollok ħniena minna. Il-għaliex, huwa Int li għedt fil-Ktieb Qaddis Tiegħek, il-Koran Imqaddes (2:187) li, kull meta




l-qaddejja tiegħi jsibu ruħhom f'sitwazzjoni inkwetanti, u jsaqsu għalija, għidulhom li Jien ninsab fil-qrib, jiena parti minnkom. U kull meta, f'kull ħin, xi ħadd mill-qaddejja mwarrba, iddisprati u mdejqa tiegħi jsejħuli, jiena dejjem weġibt b'mod siewi għal dawn is-sejħiet ta' wġigħ il-qalb. Għalhekk, inħeġġiġkom biex ma taqtgħux qalbkom u isimgħu minni. U nitlobkom temmnu fija, mhux biss bħala s-Sid u l-Ħallieq tagħkom, iżda emmnu wkoll fil-ħiliet tiegħi li nista' nsalvakom u nħariskom mill-effetti devastanti ta' kull epidemija u sofferenzi.

Mulej tagħna, flimkien nitolbuk biex issalvana mill-qerda kkawżata minn dan il-vajrus Covid-19 u minn kull pandemija simili oħra. Nitolbuk biex ikollok ħniena minna.

## X'INHU D-DNUB?

Id-dnub huwa għemil li jmarrad lir-ruħ tal-bniedem u jġegħelha titwarrab minn wiċċ Alla. Bilfors li r-ruħ se tiltaqa' ma' diffikultajiet fil-vjaġġ li tagħmel biex titqarreb lejn l-għan tal-ħolqien tagħha.

L-attivitajiet li jwasslu għad-dnub jistgħu jkunu fiżiċi li l-ħsara tagħhom tkun viżibbli għal min iwettaqhom u għal oħrajn, jew ikunu spiritwali. Ħafna mill-attivitajiet fiżiċi jġorru magħhom perikli u problemi li l-konsegwenzi tagħhom ikunu ovvji.

## X'INHI L-VIRTÙ?

X'inhuma għemejjel tajba? Għemejjel tajba huma għemejjel li jagħtu lill-persuna biżżejjed saħħa biex ikompli jterraq fil-ħajja ta' wara din id-dinja u li jġiegħlu lir-ruħ tkun kapaċi tħares lejn il-wiċċ t'Alla. Ħafna drabi, persuna sana hija dik li hi kapaċi twettaq l-attivitajiet tal-ħajja b'mod normali.

Wieħed m'għandux għalfejn ikun kapaċissimu. Wieħed għandu bżonn ikun biss kapaċi. Fl-istess ħin, kulħadd għandu difetti żgħar. L-ebda tabib ma jista' jindika ġisem wieħed li huwa perfettament san. Raġel tajjeb huwa dak li wettaq tant għemejjel tajba kemm fiżiċi kif ukoll spiritwali li jkun kapaċi jara l-wiċċ t'Alla.

# TIPI TA' VIRTUJIET U VIZZJI



Olhovyi_photographer | Shutterstock

Ma nistgħux nagħtu lista adegwata tat-tipi differenti ta' dnubiet, jekk ma niddeskrivux ukoll it-tipi differenti ta' virtujiet. Għalhekk ejja niftakru li hemm tliet tipi ta' virtujiet u bl-istess mod hemm tliet tipi ta' vizzji jew dnubiet. Huma dawn li ġejjin:

1. Virtujiet u vizzji li għandhom x'jaqsmu mal-qalb. Dawn tabilħaqq huma l-virtujiet u l-vizzji ta' vera.
2. Virtujiet u vizzji tal-ilsien jew tal-espressjoni.
3. Virtujiet u vizzji li jinkorporaw l-użu ta' organi fiżiċi oħra bħal idejn, saqajn, għajnejn, eċċ.(i)

(i) Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra] – it-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Maħdi[as], *Way of the Seekers*, p. 41-42

## FLIMKIEN NITOLBU

**Talb tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih**

**O SID L-UMANITÀ!** Neħħi din il-marda. Erġa' agħti s-saħħa għax Inti huwa Dak li Tfejjaq. M'hemm ħadd iżjed li jista' jfejjaq. Agħti tant saħħa perfetta li ma tħalli ebda wġigħ eżistenti.

**O ALLA**, jiena nfittex il-kenn tiegħek min-niket u d-dwejjaq. Jiena nsib rifuġju fik minħabba n-nuqqas ta' utilità u l-għeja. Jiena nfittex il-kenn Tiegħek kontra n-nuqqas ta' ħila u l-qerq. Jiena nfittex il-kenn Tiegħek kontra l-piż tad-dejn u l-fittaġni tan-nies.

**O ALLA**, jiena nfittex il-kenn Tiegħek min-nuqqas ta' utilità, min-nuqqas ta' ħila, ix-xeħħa, ix-xjuħija, il-kattiverija, it-traskuraġni, il-faqar, l-umiljazzjoni u d-degradazzjoni. Nitlob il-ħarsien Tiegħek mill-miżerja, min-nuqqas ta' fidi, mid-diżubbidjenza, il-mibegħda, l-infedeltà, l-għajb u l-ingann. Jiena nfittex ir-rifuġju fik minħabba t-truxija, l-istupidaġni, il-ġenn, **il-ġdiem u l-mard ikrah kollu.** Ammen

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**